DEĊIŻJONI Nru 1/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE/DANIMARKA-GŻEJJER FAEROE

tat-23 ta' Ġunju 2021

li temenda l-l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, billi tissostitwixxi l-Protokoll 3 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva [2021/1906]

IL-KUMITAT KONĠUNT KE/DANIMARKA-GŻEJJER FAEROE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tal-Protokoll 3 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), jirreferi għall-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim ("il-Protokoll 3"), li jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini.

(2) L-Artikolu 3 tal-Protokoll 3 jipprovdi li l-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 31 tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta l-Protokoll 3.

(3) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([2]) ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tittrasponi s-sistemi bilaterali eżistenti tar-regoli tal-oriġini stabbiliti f'ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni f'qafas multilaterali, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji-stabbiliti f'dawk il-ftehimiet bilaterali..

(4) L-Unjoni u r-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(5) L-Unjoni u r-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fid-9 ta' Settembru 2013, rispettivament. Konsegwentement, u f'konformità mal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju tad-Denimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Novembru 2013, rispettivament.

(6) Sakemm tiġi konklużа u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni, l-Unjoni u r-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe qablu li japplikaw sett alternattiv ta' regoli tal-oriġini bbażati fuq dawk tal-Konvenzjoni emendata, li jistgħu jintużaw b'mod bilaterali bħala regoli ta' oriġini alternattivi għal dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Protokoll 3 jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jipprevedi sett alternattiv ta' regoli tal-oriġini. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-protokoll il-ġdid jinkludi referenza dinamika għall-Konvenzjoni, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.
([2]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2021.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2021

For the Joint Committee
The President



Marco Düerkop

ANNESS

"**PROTOKOLL 3**

dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 1

Regoli tal-oriġini applikabbli

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, għandhom japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([1]) ("il-Konvenzjoni"), kif emendata u ppubblikata l-aħħar f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Ir-referenzi kollha għall-"ftehim rilevanti" fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati li jfissru l-Ftehim.

3. Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni, meta l-akkumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tat-Turkija, il-parteċipanti tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna, il-prova tal-oriġini tista' tkun ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 2

Regoli tal-oriġini alternattivi applikabbli

1. Minkejja l-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li jiksbu oriġini preferenzjali f'konformità mar-regoli tal-oriġini alternattivi applikabblistabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan il-Protokoll ('Regoli tranżitorji ') għandhom jitqiesu wkoll li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Gżejjer Faeroe.

2. Ir-Regoli Tranżitorji għandhom japplikaw sakemm tiġi konkluża u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni li fuqha huma bbażati r-Regoli tranżitorji.

Artikolu 3

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Meta jinqala xi tilwim relatat mal-proċeduri ta' verifika stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jew fl-Artikolu 34 ta' dan l-Appendiċi ta' dan il-Protokoll li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli biex jagħmlu dik il-verifika, dan għandu jitressaq quddiem il-Kumitat Konġunt.

2. Fil-każijiet kollha, is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandha ssir skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 4

Emendi għall-Protokoll

Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

([1]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

Artikolu 5

Irtirar mill-Konvenzjoni

1. Jekk jingħata avviż bil-miktub jew mill-Unjoni jew mir-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe għandhom immedjatament jidħlu f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

2. Sakemm jidħlu fis-seħħ dawn ir-regoli tal-oriġini negozjati mill-ġdid, ir-regoli tal-oriġini li hemm fl-Appendiċi I u, meta xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, għandhom jibqgħu japplikaw għall-Ftehim. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod li jippermetti akkumulazzjoni bilaterali biss bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe.

Appendiċi A

REGOLI TAL-ORIĠINI ALTERNATTIVI APPLIKABBLI

Regoli għal applikazzjoni fakultattiva fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, sakemm tiġi konkluża u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni

("ir-Regoli" jew "ir-Regoli tranżitorji")

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI" U L-METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

WERREJ

OBJETTIVI

TITOLU I **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Artikolu 1 **Definizzjonijiet**

TITOLU II **DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"**

Artikolu 2 **Rekwiżiti ġenerali**

Artikolu 3 **Prodotti miksuba għalkollox**

Artikolu 4 **Ħdim jew ipproċessar suffiċjenti**

Artikolu 5 **Regola tat-tolleranza**

Artikolu 6 **Ħdim jew ipproċessar mhux suffiċjenti**

Artikolu 7 **Akkumulazzjoni tal-oriġini**

Artikolu 8 **Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini**

Artikolu 9 **Unità tal-kwalifika**

Artikolu 10 **Settijiet**

Artikolu 11 **Elementi newtrali**

Artikolu 12 **Segregazzjoni tal-kontabbiltà**

TITOLU III **REKWIŻITI TERRITORJALI**

Artikolu 13 **Prinċipju tat-territorjalità**

Artikolu 14 **Nonalterazzjoni**

Artikolu 15 **Wirjiet**

TITOLU IV **RESTITUZZJONI JEW EŻENZJONI**

Artikolu 16 **Restituzzjoni tad-dazji doganali jew eżenzjoni minnhom**

TITOLU V **PROVA TAL-ORIĠINI**

Artikolu 17 **Rekwiżiti ġenerali**

Artikolu 18 **Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini**

Artikolu 19 **Esportatur approvat**

Artikolu 20 **Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1**

Artikolu 21 **Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament**

Artikolu 22 **Ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1**

Artikolu 23 **Validità tal-prova tal-oriġini**

Artikolu 24 **Żoni ħielsa**

Artikolu 25 **Rekwiżiti tal-importazzjoni**

Artikolu 26 **Importazzjoni gradwali**

Artikolu 27 **Eżenzjoni mill-prova tal-oriġini**

Artikolu 28 **Diskrepanzi u żbalji formali**

Artikolu 29 **Dikjarazzjonijiet tal-fornitur**

Artikolu 30 **Ammonti espressi f'euro**

TITOLU VI **PRINĊIPJI TA' KOOPERAZZJONI U EVIDENZA DOKUMENTATA**

Artikolu 31 **Evidenza dokumentata, preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u dokumenti ġustifikattivi**

Artikolu 32 **Soluzzjoni ta' tilwim**

TITOLU VII **KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

Artikolu 33 **Notifika u kooperazzjoni**

Artikolu 34 **Verifika tal-provi tal-oriġini**

Artikolu 35 **Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur**

Artikolu 36 **Penali**

TITOLU VIII **APPLIKAZZJONI TA' DAN L-APPENDIĊI**

Artikolu 37 **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Artikolu 38 **Il-Liechtenstein**

Artikolu 39 **Ir-Repubblika ta' San Marino**

Artikolu 40 **Il-Prinċipat ta' Andorra**

Artikolu 41 **Ceuta u Melilla**

Lista tal-Annessi

ANNESS I **Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II**

ANNESS II: **Lista tal-ħdim jew tal-ipproċessar li jeħtieġ isiru fuq materjali mhux oriġinarji biex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju**

ANNESS III **Test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini**

ANNESS IV: **Eżemplari taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u ta' applikazzjoni għal ċertifikat tal-moviment EUR.1**

ANNESS V **Kundizzjonijiet speċjali dwar il-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla**

ANNESS VI **Dikjarazzjoni tal-fornitur**

ANNESS VII **Dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil**

OBJETTIVI

Dawn ir-Regoli huma fakultattivi. Huma maħsuba biex japplikaw fuq bażi provviżorja, sakemm tiġi konkluża u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni PEM" jew "il-Konvenzjoni"). Dawn ir-Regoli ser japplikaw b'mod bilaterali għall-kummerċ bejn dawk il-Partijiet Kontraenti li jaqblu li jirreferu għalihom jew jinkluduhom fil-ftehimiet kummerċjali preferenzjali bilaterali tagħhom. Dawn ir-Regoli huma maħsuba biex japplikaw bħala alternattiva għar-regoli tal-Konvenzjoni, li kif previst mill-Konvenzjoni, huma mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti u fi ftehimiet bilaterali relatati oħra bejn il-Partijiet Kontraenti. Għaldaqstant, dawn ir-Regoli mhux ser ikunu obbligatorji iżda fakultattivi. Jistgħu jiġu applikati mill-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jużaw preferenzi bbażati fuq dawn ir-Regoli minflok abbażi tar-regoli tal-Konvenzjoni.

Dawn ir-Regoli mhumiex maħsuba biex jimmodifikaw il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tibqa' tapplika għalkollox bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Dawn ir-Regoli mhux ser ibiddlu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti skont il-Konvenzjoni.

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli:

(a) "Parti Kontraenti applikanti" tfisser Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni PEM li tinkorpora dawn ir-Regoli fil-ftehimiet kummerċjali preferenzjali bilaterali tagħha ma' Parti Kontraenti oħra għall-Konvenzjoni PEM u tinkludi wkoll il-Partijiet għall-Ftehim.

(b) "kapitoli", "intestaturi" u "subintestaturi" jfissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi (kodiċi b'erbgħa jew sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Komoditajiet ("is-Sistema Armonizzata") bil-bidliet skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2004 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali;

(c) "klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' oġġett taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;

(d) "konsenja" tfisser prodotti li:

(i) jintbagħtu simultanjament mingħand esportatur wieħed lil destinatarju wieħed; jew

(ii) ikunu koperti minn dokument uniku tat-trasport li jkopri t-trasportazzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura unika;

(e) "awtoritajiet doganali tal-Parti jew tal-Parti Kontraenti applikanti" għall-Unjoni Ewropea tfisser kwalunkwe awtorità doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(f) "valur doganali" tfisser il-valur kif iddeterminat f'konformità mal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (il-Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);

(g) "prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur fil-Parti li fl-impriża tagħha jsiru l-ħdim jew l-ipproċessar tal-aħħar, diment li l-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet kollha l-oħra relatati mal-produzzjoni tiegħu, mingħajr kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista' titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat. Jekk l-aħħar ħdim jew ipproċessar ikunu ġew subkuntrattati lil manifattur, it-terminu "manifattur" jirreferi għall-impriża li tkun impjegat lis-subkuntrattur.

Jekk il-prezz effettiv li jitħallas ma jkunx jirrifletti l-kostijiet kollha relatati mal-manifattura tal-prodott li jiġġarrbu effettivament mill-Parti, il-prezz mill-fabbrika jkun ifisser l-għadd totali ta' dawn il-kostijiet kollha, mingħajr kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista' titħallas lura meta l-prodotti miksub jiġi esportat;

(h) "materjal funġibbli" jew "prodott funġibbli" jfissru materjali jew prodotti tal-istess tip u kwalità kummerċjali, li jkollhom l-istess karatteristiki tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jintgħarfu minn xulxin;

(i) "oġġetti" tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

(j) "manifattura" tfisser kull tip ta' ħdim jew ipproċessar, inkluż l-assemblaġġ;

(k) "materjal" tfisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew part, eċċ., użati fil-manifattura tal-prodott;

(l) "kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji" tfisser il-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji li jkun permess sabiex manifattura titqies bħala ħdim jew ipproċessar suffiċjenti biex il-prodott jingħata l-istatus oriġinarju. Jista' jiġi espress bħala persentaġġ tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew bħala persentaġġ tal-piż nett ta' dawn il-materjali użati li jaqgħu taħt grupp speċifikat ta' kapitoli, kapitolu, intestatura jew subintestatura;

(m) "prodott" tfisser il-prodott li qed jiġi manifatturat, anki jekk ikun intiż għal użu aktar tard f'operazzjoni oħra tal-manifattura;

(n) "territorju" tinkludi t-territorju tal-art, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali ta' Parti;

(o) "valur miżjud" għandha titqies bħala l-prezz mill-fabbrika tal-prodott mingħajr il-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġinaw fil-Partijiet Kontraenti l-oħra applikanti u li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni jew, jekk il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti esportatur;

(p) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti esportatur. Meta jkun irid jiġi stabbilit il-valur tal-materjali oriġinarji użati, dan il-punt għandu japplika mutatis mutandis.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw f'Parti meta jiġu esportati lejn il-Parti l-oħra:

(a) prodotti miksuba għalkollox f'Parti, skont it-tifsira tal-Artikolu 3;

(b) prodotti miksuba f'Parti li jinkorporaw materjali li ma ġewx miksuba għalkollox hemmhekk, diment li dawn il-materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati suffiċjentement f'dik il-Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 4;

Artikolu 3

Prodotti miksuba għalkollox

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu li nkisbu għalkollox f'Parti meta jiġu esportati lejn il-Parti l-oħra:

(a) prodotti minerali u ilma naturali estratt mill-ħamrija tagħha jew minn qiegħ il-baħar tagħha;

(b) pjanti, inkluż pjanti akkwatiċi, u prodotti veġetali mkabbra jew maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin li jkunu trabbew hemmhekk;

(e) prodotti minn annimali maqtula li jkunu twieldu u trabbew hemmhekk;

(f) prodotti miksuba bil-kaċċa jew bis-sajd li jitwettqu hemmhekk;

(g) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji, il-molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn jitwieldu jew jitrabbew hemmhekk minn bajd, larvi, ħut żgħir jew ħut immatur;

(h) prodotti tas-sajd marin u prodotti oħra meħuda mill-baħar 'il barra minn xi baħar territorjali mill-bastimenti tagħha;

(i) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbrika tagħha esklużivament mill-prodotti msemmija fil-punt (h);

(j) oġġetti użati li jinġabru minn hemmhekk u li huma tajbin biss għall-irkupru tal-materja prima;

(k) skart u skrapp li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-manifattura li jsiru hemmhekk;

(l) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jkun jinsab 'il barra mill-baħar territorjali tagħha, iżda fejn għandha drittijiet esklużivi ta' esplojtazzjoni;

(m) oġġetti prodotti hemmhekk esklużivament mill-prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (l).

2. It-termini "il-bastimenti tagħha" u "il-bastimenti fabbrika tagħha" fil-paragrafu 1(h) u (i) rispettivament għandhom japplikaw biss għall-bastimenti u għall-bastimenti fabbrika li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikunu rreġistrati fil-Parti esportatur jew fil-Parti importatur;

(b) ikunu jbaħħru bil-bandiera tal-Parti esportatur jew tal-Parti importatur;

(c) ikunu jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu mill-inqas 50 % proprjetà ta' ċittadini tal-Parti esportatur jew tal-Parti importatur; jew

(ii) ikunu l-proprjetà ta' kumpaniji li:

— għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom fil-Parti esportatur jew fil-Parti importatur; u

— ikunu mill-inqas 50 % proprjetà tal-Parti esportatur jew tal-Parti importatur jew tal-entitajiet pubbliċi tagħhom jew taċ-ċittadini ta' dawn il-Partijiet.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, meta l-Parti esportatur jew il-Parti importatur tkun l-Unjoni Ewropea, dan ifisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati tal-EFTA jridu jitqiesu bħala Parti Kontraenti waħda applikanti.

Artikolu 4

Ħdim jew ipproċessar suffiċjenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 6, il-prodotti li ma jinkisbux għalkollox f'Parti għandhom jitqiesu maħduma jew ipproċessati suffiċjentement meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista tal-Anness II għall-oġġetti kkonċernati.

2. Jekk prodott li jkun kiseb status oriġinarju f'Parti f'konformità mal-paragrafu 1 jintuża bħala materjal fil-manifattura ta' prodott ieħor, ma għandu jittieħed l-ebda kont tal-materjali mhux oriġinarji li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

3. Għal kull prodott għandu jiġi ddeterminat jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

Iżda meta r-regola rilevanti tkun ibbażata fuq il-konformità ma' kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet jistgħu jawtorizzaw lill-esportaturi biex jikkalkulaw il-prezz mill-fabbrika tal-prodotti u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji fuq bażi medja kif stabbilit fil-paragrafu 4, biex jitqiesu l-flutwazzjonijiet fil-kostijiet u fir-rati tal-kambju.

4. Meta japplika t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, il-prezz medju mill-fabbrika tal-prodott u l-valur medju tal-materjali mhux oriġinarji użati għandhom jiġu kalkulati rispettivament abbażi tat-total tal-prezzijiet mill-fabbrika mitluba għall-bejgħ kollu tal-istess prodotti li jkun sar tul is-sena fiskali preċedenti u t-total tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha li jkunu ntużaw fil-manifattura tal-prodotti tul is-sena fiskali preċedenti kif definit fil-Parti esportatur jew, meta ċ-ċifri għal sena fiskali sħiħa ma jkunux disponibbli, tul perjodu iqsar li jenħtieġ li ma jkunx iqsar minn tliet xhur.

5. L-esportaturi li jkunu għażlu kalkoli fuq bażi medja għandhom japplikaw dan il-metodu b'mod konsistenti tul is-sena ta' wara s-sena fiskali ta' referenza jew, meta jkun xieraq, tul is-sena ta' wara l-perjodu iqsar li jkun intuża bħala referenza. Dawn jistgħu ma jibqgħux japplikaw dan il-metodu jekk tul sena fiskali partikolari jew tul perjodu rappreżentattiv iqsar ta' mhux inqas minn tliet xhur, dawn jirreġistraw li l-varjazzjonijiet fil-kostijiet jew fir-rati tal-kambju li jkunu ġġustifikaw dan l-użu ma għadhomx japplikaw.

6. Biex tiġi stabbilita konformità mal-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinarji, il-medji msemmija fil-paragrafu 4 għandhom jintużaw bħala l-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji rispettivament.

Artikolu 5

Regola tat-tolleranza

1. B'deroga mill-Artikolu 4 u soġġetti għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-materjali mhux oriġinarji li f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness II ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' xi prodott partikolari xorta jistgħu jintużaw, diment li l-valur jew il-piż totali nett tagħhom vvalutat għall-prodott ma jkunx jaqbeż:

(a) il-15 % tal-piż nett tal-prodott li jaqa' taħt il-Kapitoli 2 u 4 sa 24, għajr il-prodotti tas-sajd ipproċessati tal-Kapitolu 16;

(b) il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott għal prodotti oħra għajr dawk koperti mill-punt (a).

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom għandhom japplikaw it-tolleranzi msemmija fin-Noti 6 u 7 tal-Anness I.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jippermetti li jinqabżu l-persentaġġi għall-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinarji kif speċifikat fir-regoli stabbiliti fil-lista fl-Anness II.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti miksuba għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3. Iżda, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(1), it-tolleranza prevista f'dawk id-dispożizzjonijiet xorta għandha tapplika għall-prodott li għalih ir-regola stabbilita fil-lista fl-Anness II teżiġi li l-materjali li jintużaw fil-manifattura ta' dak il-prodott ikunu nkisbu għalkollox.

Artikolu 6

Ħdim jew ipproċessar mhux suffiċjenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħdim jew ipproċessar mhux suffiċjenti biex jingħata l-istatus ta' prodott oriġinarju, kemm jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 u kemm jekk le:

(a) l-operazzjonijiet ta' preservazzjoni li jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba waqt it-trasport u l-ħażna;

(b) il-ftuħ u l-assemblaġġ tal-pakketti;

(c) il-ħasil, it-tindif; it-tneħħija tat-trab, l-ossidu, iż-żjut, iż-żebgħa jew koperturi oħra;

(d) il-mogħdija jew l-ippressar tat-tessuti;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' żbigħ u llostrar;

(f) it-tfesdiq u l-maċinazzjoni parzjali jew sħiħa tar-ross; l-illostrar u l-glejżjar taċ-ċereali u tar-ross;

(g) operazzjonijiet għall-kolorazzjoni jew aromi fiz-zokkor jew fil-iffurmar taċ-ċangaturi taz-zokkor; it-tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallin;

(h) it-tqaxxir, it-tneħħija tal-għadma u t-tfesdiq taf-frott, tal-ġwież u tal-ħxejjex;

(i) it-tisnin, it-tħin sempliċi jew il-qtugħ sempliċi;

(j) l-għarbil, l-iskrinjar, l-issortjar, l-ikklassifikar, il-gradazzjoni, it-tqabbil; (inkluż il-ġbir ta' oġġetti f'settijiet);

(k) it-tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, cases, kaxxi, it-twaħħil fuq kards jew fuq boards u l-operazzjonijiet l-oħra kollha ta' imballaġġ sempliċi;

(l) it-twaħħil jew l-istampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali distintivi simili oħra fuq il-prodotti jew fuq l-imballaġġ tagħhom;

(m) it-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le;

(n) it-taħlit taz-zokkor ma' xi materjal;

(o) iż-żieda sempliċi ta' ilma jew id-dilwizzjoni jew id-deidratazzjoni jew id-denaturazzjoni tal-prodotti;

(p) l-assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti li jsawru prodott sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(q) it-tbiċċir tal-annimali;

(r) kombinament ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fil-punti (a) sa (q).

2. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-ħdim jew l-ipproċessar li jkunu saru fuq prodott partikulari għandhomx jitqiesu insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1, għandhom jitqiesu l-operazzjonijiet kollha li jkunu saru fuq prodott partikolari fil-Parti esportatur.

Artikolu 7

Akkumulazzjoni tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti esportatur meta jiġu esportati lejn il-Parti l-oħra jekk ikunu nkisbu hemmhekk, u jinkorporaw materjali li joriġinaw f'xi Parti Kontraenti applikanti għajr fil-Parti esportatur diment li l-ħdim jew l-ipproċessar li jsiru fil-Parti esportatur ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6. Ma għandux ikun meħtieġ li dawn il-materjali jsirulhom ħdim jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħdim jew l-ipproċessar imwettqa fil-Parti esportatur ma jkunux imorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6, il-prodott miksub bl-inkorporazzjoni ta' materjali li joriġinaw f'xi Parti Kontraenti oħra applikanti għandu jitqies li joriġina fil-Parti esportatur biss meta l-valur miżjud hemmhekk ikun iżjed mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'xi waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħra applikanti. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies li joriġina fil-Parti Kontraenti applikanti u li għandha l-aktar valur ta' materjali oriġinarji użati fil-manifattura fil-Parti esportatur.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, u bl-esklużjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63, il-ħdim jew l-ipproċessar imwettqa f'xi Parti Kontraenti applikanti, għajr il-Parti esportatur, għandhom jitqiesu li jkunu saru fil-Parti esportatur jekk il-prodotti miksuba jsirulhom ħdim jew ipproċessar sussegwenti f'din il-Parti esportatur.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 u biss għall-iskop tal-kummerċ bilaterali bejn il-Partijiet, il-ħdim jew l-ipproċessar li jsiru fil-Parti importatur għandhom jitqiesu li jkunu saru fil-Parti esportatur jekk il-prodotti jsirulhom ħdim jew ipproċessar sussegwenti f'din il-Parti esportatur.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-parteċipanti fil-proċess tal-Unjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u r-Repubblika tal-Moldova għandhom jitqiesu bħala Parti Kontraenti waħda applikanti

5. Il-Partijiet jistgħu jagħżlu li jestendu l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 b'mod unilaterali. Parti li tagħżel tali estensjoni għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 8(2).

6. Għall-fini tal-akkumulazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu, il-prodotti oriġinarji għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti esportatur biss jekk il-ħdim jew l-ipproċessar li jkunu sarulhom ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

7. Il-prodotti li joriġinaw fil-Partijiet Kontraenti applikanti u li jissemmew fil-paragrafu 1, li ma jsirulhomx ħdim jew ipproċessar fil-Parti esportatur, għandhom iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħra applikanti.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini

1. L-akkumulazzjoni prevista fl-Artikolu 7 tista' tiġi applikata biss jekk:

(a) bejn il-Partijiet Kontraenti applikanti involuti fl-akkwiżizzjoni tal-istatus oriġinarju u l-Parti Kontraenti destinatarja applikanti, ikun hemm ftehim kummerċjali preferenzjali applikabbli f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT); u

(b) l-oġġetti jkunu kisbu status oriġinarju bl-applikazzjoni ta' regoli tal-oriġini li jkunu identiċi għal dawk mogħtija f'dawn ir-Regoli.

2. L-avviżi li jindikaw l-issodisfar tar-rekwiżiti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (is-serje C) u f'pubblikazzjoni uffiċjali fil-Gżejjer Faeroe, f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess.

L-akkumulazzjoni prevista fl-Artikolu 7 għandha tapplika mid-data indikata f'dawk l-avviżi.

Il-Partijiet għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni Ewropea dettalji tal-ftehimiet rilevanti konklużi ma' Partijiet Kontraenti oħra applikanti inkluż id-dati tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regoli.

3. Il-prova tal-oriġini jenħtieġ li tinkludi d-dikjarazzjoni bl-Ingliż "CUMULATION APPLIED WITH (u l-isem bl-Ingliż tal-Parti/Partijiet Kontraenti rilevanti applikanti)" meta prodotti jkunu kisbu l-istatus oriġinarju bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 7.

F'każijiet fejn bħala prova tal-oriġini jintuża ċertifikat tal-moviment EUR.1, dik id-dikjarazzjoni għandha ssir fil-Kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

4. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu, għall-prodotti esportati lejhom li kisbu l-istatus oriġinarju fil-Parti esportatur bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 7, li jirrinunzjaw l-obbligu li jinkludu d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fuq il-prova tal-oriġini ([2]).

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw ir-rinunzja lill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 8(2).

Artikolu 9

Unità tal-kwalifika

1. L-unità tal-kwalifika għall-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika waqt id-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata. Għaldaqstant:

(a) meta prodott magħmul minn grupp jew għadd ta' oġġetti jiġi kklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan il-prodott sħiħ jifforma l-unità tal-kwalifika;

(b) meta konsenja tkun magħmula minn għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull oġġett individwali għandu jitqies waqt l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli.

2. Meta, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, dan għandu jiġi inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

3. L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda mibgħuta ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz mill-fabbrika tagħhom, għandhom jitqiesu bħala biċċa waħda tat-tagħmir, tal-magna, tal-apparat jew tal-vettura inkwistjoni.

Artikolu 10

Settijiet

Kif definit fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, is-settijiet għandhom jitqiesu oriġinarji jekk il-prodotti komponenti kollha jkunu oriġinarji.

Meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett kollu għandu xorta jitqies bħala oriġinarju, diment li l-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jkunx jaqbeż il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11

Elementi newtrali

Biex jiġi ddeterminat jekk prodott hux prodott oriġinarju, ma għandhiex titqies l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjanti u t-tagħmir;

([2]) Il-Partijiet jaqblu li jirrinunzjaw l-obbligu li jinkludu l-prova tal-oriġini fid-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3)

(c) il-magni u l-għodda;

(d) kwalunkwe oġġetti oħra li ma jidħlux, u li m'hemmx il-ħsieb li jidħlu, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Artikolu 12

Segregazzjoni tal-kontabbiltà

1. Jekk jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji fil-ħdim jew fl-ipproċessar ta' prodott, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-materjali bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà, mingħajr ma jżommu l-materjali fi stokkijiet separati.

2. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jiżguraw il-ġestjoni ta' prodotti funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji tal-intestatura 1701 bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà, mingħajr ma jżommu l-prodotti fi stokkijiet separati.

3. Il-Partijiet jistgħu jeżiġu li l-applikazzjoni tas-segregazzjoni tal-kontabbiltà tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet doganali. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa u għandhom jimmonitorjaw l-użu li jsir mill-awtorizzazzjoni. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni kull meta l-benefiċjarju jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni b'xi mod possibbli jew jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dawn ir-Regoli.

Bl-użu tas-segregazzjoni tal-kontabbiltà għandu jkun żgurat li fi kwalunkwe ħin ma jkunx hemm iżjed prodotti li jistgħu jitqiesu "li joriġinaw fil-Parti esportatur" milli kieku jkun il-każ jekk jintuża metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-istokkijiet.

Il-metodu għandu jiġi applikat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi rreġistrata abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-Parti esportatur.

4. Il-benefiċjarju tal-metodu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jagħmel jew japplika għal provi tal-oriġini għall-kwantità tal-prodotti li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji fil-Parti esportatur. Meta jitolbuh l-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif ġew ġestiti l-kwantitajiet.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 13

Prinċipju tat-territorjalità

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni fil-Parti kkonċernata.

2. Jekk il-prodotti oriġinarji esportati minn Parti lejn pajjiż ieħor jiġu ritornati, dawn għandhom jitqiesu bħala mhux-oriġinarji sakemm ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li:

(a) il-prodotti ritornati huma l-istess bħal dawk li ġew esportati; u

(b) ma jkunux sarulhom operazzjonijiet lil hinn minn dawk meħtieġa biex jiġu preservati f'kundizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni.

3. Il-kisba tal-istatus oriġinarju f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II ma għandhiex tiġi affettwata mill-ħdim jew mill-ipproċessar li jsiru barra mill-Parti esportatur fuq il-materjali esportati minn din il-Parti u sussegwentement importati mill-ġdid hemmhekk, diment li:

(a) dawk il-materjali jkunu nkisbu għalkollox fil-Parti esportatur jew ikunu sarulhom ħdim jew proċessar li jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 qabel ma ġew esportati; u

(b) ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(i) il-prodotti importati mill-ġdid inkisbu bil-ħdim u bl-ipproċessar tal-materjali esportati; u

(ii) il-valur miżjud totali miksub 'il barra mill-Parti esportatur bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma jkunx jaqbeż l-10 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott finali li għalih ikun intalab l-istatus oriġinarju.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet għall-kisba tal-istatus oriġinarju stabbiliti fit-Titolu II ma għandhomx japplikaw għall-ħdim jew għall-ipproċessar li jkunu saru barra mill-Parti esportatur. Iżda jekk fil-lista tal-Anness II tiġi applikata regola li tistabbilixxi valur massimu għall-materjali mhux oriġinarji kollha inkorporati biex jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali mhux oriġinarji inkorporati fit-territorju tal-Parti esportatur, meħud flimkien mal-valur miżjud totali akkwistat 'il barra minn din il-Parti bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx jaqbżu l-persentaġġ iddikjarat.

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, "valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha li jirriżultaw barra mill-Parti esportatur, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista tal-Anness II jew li jistgħu jitqiesu maħduma jew ipproċessati suffiċjentement biss jekk tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5.

7. Il-ħdim jew l-ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Parti esportatur għandhom isiru skont l-arranġament tal-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

Artikolu 14

Nonalterazzjoni

1. It-trattament preferenzjali previst skont il-Ftehim għandu japplika biss għall-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn ir-Regoli u ddikjarati għall-importazzjoni f'Parti, diment li dawn il-prodotti jkunu l-istess bħal dawk esportati mill-Parti esportatur. Dawn ma għandhomx jiġu alterati, trasformati b'xi mod jew soġġetti għal operazzjonijiet għajr biex jiġu ppreservati f'kundizzjoni tajba jew għajr għal żieda jew twaħħil ta' marki, tikketti, siġilli jew xi dokumentazzjoni oħra biex tkun żgurata l-konformità ma' rekwiżiti domestiċi speċifiċi tal-Parti importatur li jsiru bis-superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) terz(i) tat-tranżitu jew tal-frid qabel ma jiġu ddikjarati għal użu domestiku.

2. Jista' jsir ħżin tal-prodotti jew tal-konsenji diment li dawn jibqgħu fis-superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) terz(i) tat-tranżitu.

3. Mingħajr preġudizzju għat-Titolu V ta' dan l-Appendiċi, jista' jsir frid tal-konsenji, diment li dawn jibqgħu fis-superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) terz(i) tal-frid.

4. F'każ ta' dubju, il-Parti importatur tista' titlob lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu biex f'xi ħin jippreżenta d-dokumenti xierqa kollha li jipprovdu evidenza ta' konformità ma' dan l-Artikolu, u din tista' tintwera bi kwalunkwe evidenza dokumentata, u b'mod partikolari permezz ta':

(a) dokumenti kuntrattwali tat-trasport bħal poloz tal-kargu;

(b) evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew in-numerazzjoni tal-pakketti;

(c) ċertifikat ta' nuqqas ta' manipulazzjoni pprovdut mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż(i) tat-tranżitu jew tal-frid, jew xi dokument ieħor li juri li l-oġġetti baqgħu fis-superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) tat-tranżitu jew tal-frid; jew

(d) kwalunkwe evidenza relatata mal-oġġetti innifishom.

Artikolu 15

Wirjiet

1. Il-prodotti oriġinarji, mibgħuta għall-wiri f'xi pajjiż għajr dawk li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni skont l-Artikoli 7 u 8, u mibjugħa wara l-wirja biex jiġu importati f'Parti, waqt l-importazzjoni għandhom jibbenefikaw mill-ftehim rilevanti diment li għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali jintwera li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja l-prodotti minn Parti lejn il-pajjiż fejn issir il-wirja u jkun eżibihom hemm;

(b) il-prodotti jkunu nbiegħu jew b'xi mod ieħor ikunu twasslu minn dak l-esportatur għal għand persuna f'Parti oħra;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkonsenjati waqt il-wirja jew minnufih wara fl-istat kif intbagħtu għall-wirja; u

(d) wara li ġew ikkonsenjati għall-wirja, il-prodotti ma jkunux intużaw għal skopijiet oħra għajr biex jiġu eżibiti fil-wirja.

2. Għandha tinħareġ jew issir prova tal-oriġini f'konformità mat-Titolu V ta' dan l-Appendiċi u tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur bil-mod normali. Fuqha għandhom jitniżżlu l-isem u l-indirizz tal-wirja. Meta meħtieġ, tista' tintalab ukoll evidenza dokumentata addizzjonali tal-kundizzjonijiet li fihom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja, fiera jew esebizzjoni pubblika simili ta' natura kummerċjali, industrijali, agrikola jew artiġjanali, li ma jkunux ġew organizzati għal skopijiet privati fi ħwienet jew fi stabbilimenti tan-negozju bl-għan li jsir bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulhom il-prodotti jibqgħu fil-kontroll doganali.

TITOLU IV

RESTITUZZJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 16

Restituzzjoni tad-dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

1. Il-materjali mhux oriġinarji li jintużaw fil-manifattura tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata li joriġinaw f'Parti li għaliha tinħareġ jew issir prova tal-oriġini f'konformità mat-Titolu V ta' dan l-Appendiċi ma għandhomx ikunu soġġetti fil-Parti esportatur għal restituzzjoni ta' dazji doganali jew għal eżenzjoni minn dazji doganali ta' kwalunkwe tip.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament għal restituzzjoni, remissjoni jew nuqqas ta' pagament, parzjali jew sħiħ, ta' dazji jew imposti doganali li jkollhom effett ekwivalenti, applikabbli fil-Parti esportatur għall-materjali użati fil-manifattura, fejn ikunu japplikaw tali restituzzjoni, remissjoni jew nuqqas ta' pagament, espressament jew effettivament, meta prodotti miksuba mill-materjali msemmijin jiġu esportati u mhux meta jinżammu għal użu domestiku hemmhekk.

3. L-esportatur tal-prodotti koperti bi prova tal-oriġini għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li juru li ma tkun inkisbet l-ebda restituzzjoni fir-rigward tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li effettivament tħallsu d-dazji jew l-imposti doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal dawn il-materjali.

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għall-kummerċ bejn il-Partijiet għall-prodotti li kisbu status oriġinarju bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini koperta mill-Artikolu 7(4) jew (5).

TITOLU V

PROVA TAL-ORIĠINI

Artikolu 17

Rekwiżiti ġenerali

1. Il-prodotti li joriġinaw f'xi waħda mill-Partijiet, waqt l-importazzjoni fil-Parti l-oħra, għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim malli titressaq waħda mill-provi tal-oriġini li ġejjin:

(a) ċertifikat tal-moviment EUR.1, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness IV ta' dan l-Appendiċi ;

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 18(1), dikjarazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"dikjarazzjoni tal-oriġini", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li tkun tiddeskrivi l-prodotti kkonċernati bid-dettall suffiċjenti biex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jinsab fl-Anness III ta' din l-Appendiċi.

2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 27, il-prodotti oriġinarji skont it-tifsira ta' dawn ir-Regoli għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim mingħajr il-bżonn li tiġi ppreżentata xi prova tal-oriġini minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu jaqblu li għall-kummerċ preferenzjali bejniethom, il-provi tal-oriġini elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jkunu sostitwiti b'dikjarazzjonijiet tal-oriġini magħmula minn esportaturi rreġistrati f'bażi tad-data elettronika f'konformità mal-leġiżlazzjoni interna tal-Partijiet.

L-użu ta' dikjarazzjoni tal-oriġini magħmula mill-esportaturi rreġistrati f'bażi tad-data elettronika miftiehma minn żewġ Partijiet Kontraenti applikanti jew aktar ma għandux jimpedixxi l-użu ta' akkumulazzjoni djagonali ma' Partijiet Kontraenti applikanti oħrajn

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jistabbilixxu sistema li tippermetti li l-provi tal-oriġini elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jinħarġu b'mod elettroniku u/jew jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 7, jekk japplika l-Artikolu 8(4), l-esportatur stabbilit f'Parti Kontraenti applikanti li joħroġ, jew japplika għal, prova tal-oriġini fuq il-bażi ta' prova tal-oriġini oħra li tibbenefika minn rinunzja mill-obbligu li jinkludi d-dikjarazzjoni kif meħtieġ b'mod ieħor mill-Artikolu 8(3) għandu jieħu l-passi meħtieġa kollha biex jiżgura li l-kundizzjonijiet biex tiġi applikata l-akkumulazzjoni jkunu ssodisfati u għandu jkun lest li jippreżenta d-dokumenti rilevanti kollha lill-awtoritajiet doganali.

Artikolu 18

Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini

1. Tista' ssir dikjarazzjoni tal-oriġini kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 17(1):

(a) minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 19; jew

(b) minn xi esportatur għal xi konsenja li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar ta' prodotti oriġinarji li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx EUR 6 000.

2. Dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti jistgħu jitqiesu li joriġinaw f'Parti Kontraenti applikanti u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li juru l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati u li ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

4. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jagħmilha l-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jipprintja fuq il-fattura, fuq in-nota tal-konsenja jew fuq dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni li t-test tagħha jinsab fl-Anness III ta' dan l-Appendiċi, filwaqt li juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f'dak l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni ssir bl-idejn, din għandha ssir bil-linka u b'karattri stampati.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 19 ma għandux jintalab jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet diment li jippreżenta impenn bil-miktub lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur li jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni tal-oriġini li tidentifikah daqslikieku din ġiet iffirmata minnu stess.

6. L-esportatur jista' jagħmel id-dikjarazzjoni tal-oriġini meta jiġu esportati l-prodotti li din tkun tkopri jew wara l-esportazzjoni, ("id-dikjarazzjoni tal-oriġini retrospettiva"), diment li din tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li din tkopri.

Meta l-frid ta' konsenja jsir f'konformità mal-Artikolu 14(3) u tiġi rispettata l-istess skadenza ta' sentejn, id-dikjarazzjoni tal-oriġini retrospettiva għandha ssir mill-esportatur approvat tal-Parti esportatur tal-prodotti.

Artikolu 19

Esportatur approvat

1. Soġġetti għar-rekwiżiti nazzjonali, l-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur jistgħu jawtorizzaw lil xi esportatur stabbilit f'dik il-Parti ("l-esportatur approvat"), li jagħmel dikjarazzjonijiet tal-oriġini irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati.

2. Esportatur li jitlob din l-awtorizzazzjoni jrid joffri l-garanziji kollha meħtieġa għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodotti u li ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu numru tal-awtorizzazzjoni doganali lill-esportatur approvat u dan għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw l-użu xieraq ta' awtorizzazzjoni. Dawn jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni jekk l-esportatur approvat juża ħażin, u għandhom jagħmlu dan jekk l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 20

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur meta ssir applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, fir-responsabbiltà tal-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dak l-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u l-formola tal-applikazzjoni, li eżemplari tagħhom jinsabu fl-Anness IV ta' dan l-Appendiċi. Dawn il-formoli għandhom jimtlew b'xi waħda mil-lingwi li bihom tfassal il-Ftehim u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż esportatur. Jekk il-formoli jimtlew bl-idejn, għandhom isiru bil-linka u b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan l-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Jekk il-kaxxa ma timteliex kollha, għandha ssir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u jiġi ngassat l-ispazju vojt.

3. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinkludi d-dikjarazzjoni bl-Ingliż "TRANSITIONAL RULES" fil-Kaxxa 7.

4. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur fejn ikun inħareġ iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati u li ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

5. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-oriġini EUR 1 mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

6. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus oriġinarju tal-prodotti u li ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli. Għal dak l-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew xi verifika oħra li jqisu xierqa. Dawn għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, dawn għandhom jivverifikaw li l-ispazju riżervat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'tali mod li jeskludi kull possibbiltà ta' żidiet frodulenti.

7. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

8. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-esportatur malli l-esportazzjoni attwali tkun saret jew tkun garantita.

Artikolu 21

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 20(8), iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jista' jinħareġ b'mod retrospettiv wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkopri jekk:

(a) ma jkunx inħareġ waqt l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali;

(b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li kien inħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 iżda ma ġiex aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(c) id-destinazzjoni finali tal-prodotti kkonċernati ma kinitx magħrufa waqt l-esportazzjoni u ġiet iddeterminata waqt it-trasport jew il-ħażna tagħhom u wara l-frid possibbli tal-konsenji f'konformità mal-Artikolu 14(3);

(d) iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew il-EUR.MED inħareġ f'konformità mar-regoli tal-Konvenzjoni PEM għall-prodotti li huma oriġinarji wkoll f'konformità ma' dawn ir-Regoli. L-esportatur għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li l-kundizzjonijiet biex tiġi applikata l-akkumulazzjoni jkunu ssodisfati u jkun lest biex jippreżenta lill-awtoritajiet doganali d-dokumenti rilevanti kollha li juru li l-prodott huwa oriġinarju f'konformità ma' dawn ir-Regoli jew

(e) iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 inħareġ fuq il-bażi tal-Artikolu 8(4) u l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(3) hija meħtieġa għall-importazzjoni f'Parti Kontraenti oħra applikanti.

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, fl-applikazzjoni tiegħu, l-esportatur għandu jindika l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 b'mod retrospettiv fi żmien sentejn mid-data tal-esportazzjoni u biss wara li jivverifikaw li l-informazzjoni mogħtija mill-esportatur fl-applikazzjoni hija konformi ma' dik fil-fajl korrispondenti.

4. Minbarra r-rekwiżit skont l-Artikolu 20(3), iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu approvati b'din il-fraži li ġejja bl-Ingliż: "ISSUED RETROSPECTIVELY"

5. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

Artikolu 22

Ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika biex l-awtoritajiet doganali li jkunu ħarġuhulu, joħorġu kopja abbażi tad-dokumenti tal-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Minbarra r-rekwiżit skont l-Artikolu 20(3), il-kopja maħruġa f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi approvata b'din il-kelma li ġejja bl-Ingliż: "DUPLICATE"

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 tal-kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

4. Il-kopja, li għandha turi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 oriġinali, għandha tkun valida minn dik id-data.

Artikolu 23

Validità tal-prova tal-oriġini

1. Il-prova tal-oriġini għandha tkun valida għal għaxar xhur mid-data meta tinħareġ jew issir fil-Parti esportatur, u għandha tiġi ppreżentata tul dak il-perjodu lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur.

2. Il-provi tal-oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur wara l-perjodu tal-validità msemmi fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-fini tal-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji, meta n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dawk id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni tardiva, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini meta l-prodotti jkunu ġew ippreżentati lid-dwana qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 24

Żoni ħielsa

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti nnegozjati bil-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona ħielsa fit-territorju tagħhom, ma jiġux sostitwiti b'oġġetti oħra u ma jkollhomx trattament ieħor għajr l-operazzjonijiet normali maħsuba biex jevitaw id-deterjorament tagħhom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw f'Parti Kontraenti applikanti jiġu importati f'żona ħielsa bil-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, tista' ssir jew tinħareġ prova tal-oriġini ġdida, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jsiru jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli.

Artikolu 25

Rekwiżiti tal-importazzjoni

Il-provi tal-oriġini għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur f'konformità mal-proċeduri applikabbli f'dik il-Parti.

Artikolu 26

Importazzjoni gradwali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur, jiġu importati gradwalment prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406, għandha tiġi ppreżentata prova waħda tal-oriġini għal dawn il-prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel konsenja parzjali.

Artikolu 27

Eżenzjonijiet mill-prova tal-oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar mingħand persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr il-bżonn li tiġi ppreżentata prova tal-oriġini, diment li dawn il-prodotti ma jkunux importati kummerċjalment u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn r-Regoli u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' dikjarazzjoni bħal din.

2. L-importazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-importazzjonijiet huma okkażjonali;

(b) l-importazzjonijiet jikkonsistu biss minn prodotti maħsuba għall-użu personali tal-benefiċjarji jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom;

(c) min-natura u mill-kwantità tal-prodotti ikun evidenti li ma hemm l-ebda skop kummerċjali.

3. Il-valur totali ta' dawk il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 28

Diskrepanzi u żbalji formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali għall-fini biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex ipso facto tirrendi l-prova tal-oriġini bħala nulla u mingħajr effett jekk ikun stabbilit kif xieraq li dak id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.

2. L-iżbalji formali ovvji fosthom l-iżbalji tat-tipa fil-prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu biex id-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġi rrifjutat jekk dawk l-iżbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dawk id-dokumenti.

Artikolu 29

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini f'xi Parti għal prodotti oriġinarji li waqt il-manifattura tagħhom, ikunu intużaw oġġetti f'konformità mal-Artikolu 7(3) jew l-Artikolu 7(4) li jkunu ġejjin minn Partijiet Kontraenti oħra applikanti u li jkunu sarulhom ħdim jew ipproċessar hemmhekk mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija għal dawk l-oġġetti f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala evidenza tal-ħdim jew tal-ipproċessar li jkunu saru f'Parti Kontraenti applikanti fuq l-oġġetti kkonċernati bl-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawk l-oġġetti, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti esportatur u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

3. Għajr għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-fornitur għandu jagħmel dikjarazzjoni separata tal-fornitur għal kull konsenja ta' oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness VI fuq karta mehmuża mal-fattura, man-nota tal-konsenja jew ma' xi dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'biżżejjed dettall biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta l-fornitur jipprovdi oġġetti b'mod regolari lil klijent partikolari li l-ħdim jew l-ipproċessar tagħhom ikunu saru f'Parti Kontraenti applikanti, u jkun mistenni li din il-provvista tibqa' ssir b'mod kostanti għal perjodu taż-żmien, dan jista' jipprovdilu dikjarazzjoni waħda tal-fornitur li tkun tkopri konsenji sussegwenti ta' dawk l-oġġetti ("id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil"). Normalment, dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil tista' tibqa' valida għal perjodu sa sentejn mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti applikanti fejn issir id-dikjarazzjoni jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jintużaw perjodi itwal. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil għandha ssir mill-fornitur bil-forma preskritta fl-Anness VII u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'biżżejjed dettall biex ikunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tingħata lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel konsenja tal-oġġetti koperta minn dik id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenja tiegħu. Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil ma tkunx għadha applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata b'waħda mil-lingwi tal-Ftehim, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Parti Kontraenti applikanti fejn tkun qed issir id-dikjarazzjoni, u għandu jkollha l-firma oriġinali tal-fornitur bil-miktub. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti applikanti fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni hi korretta.

Artikolu 30

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 18(1) u tal-Artikolu 27(3), meta l-fattura għall-prodotti toħroġ b'xi munita oħra li mhix l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Partijiet ekwivalenti għall-ammonti espressi bl-euro għandhom jiġu stabbiliti darba fis-sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Il-konsenja għandha tibbenefika mill-punt (b) tal-Artikolu 18(1) jew tal-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li fiha ssir il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li jridu jintużaw b'xi munita nazzjonali għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi bl-euro fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Parti tista' tarrotonda 'l fuq jew 'l isfel l-ammont li jirriżulta mill-konverżjoni tal-ammont espress bl-euro għall-munita nazzjonali tagħha. L-ammont arrotondat ma jistax ikun differenti b'aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-konverżjoni. Parti tista' tibqa' ma tbiddilx l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali għall-ammont espress bl-euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-konverżjoni ta' dak l-ammont, qabel l-arrotondament, tirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali jista' jinżamm bla ma jinbidel jekk il-konverżjoni tirriżulta fi tnaqqis ta' dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi bl-euro għandhom jiġu rieżaminati mill-Kumitat Konġunt meta jintalab minn xi Parti. Meta jsir dak ir-rieżami, il-Kumitat Konġunt għandu jqis kemm hu mixtieq li jiġu ppreservati l-effetti tal-limiti kkonċernati f'termini reali. Għal dak l-għan, dan jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU VI

PRINĊIPJI TA' KOOPERAZZJONI U EVIDENZA DOKUMENTATA

Artikolu 31

Evidenza dokumentata, preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u dokumenti ġustifikattivi

1. Esportatur li jkun għamel dikjarazzjoni tal-oriġini jew li jkun applika għal ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jżomm kopja stampata jew verżjoni elettronika ta' dawk il-provi tal-oriġini u tad-dokumenti kollha li jsostnu l-istatus oriġinarju tal-prodott, għal mill-inqas tliet snin mid-data meta tinħareġ jew issir id-dikjarazzjoni tal-oriġini.

2. Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, nota tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li magħhom tkun mehmuża dik id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 29(6).

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, nota tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw l-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 29(6). Dak il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dokumenti li jsostnu l-istatus oriġinarju jinkludu, inter alia, dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta tal-proċessi li għamlu l-esportatur jew il-fornitur biex jiksbu l-prodott li hemm, pereżempju, fil-kontijiet jew fil-kontabbiltà interna tagħhom;

(b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Parti Kontraenti rilevanti applikanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha;

(c) dokumenti li jagħtu prova tal-ħdim jew tal-ipproċessar tal-materjali fil-Parti rilevanti, magħmula jew maħruġa f'dik il-Parti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha;

(d) dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew ċertifikati tal-moviment EUR.1 li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, magħmula jew maħruġa fil-Partijiet f'konformità ma' dawn ir-Regoli;

(e) evidenza xierqa dwar il-ħdim jew l-ipproċessar li sar barra mill-Partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 13 u 14, li tagħti prova li ġew issodisfati r-rekwiżiti ta' dawk l-Artikoli.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur li joħorġu ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 għandhom iżommu l-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) għal mill-inqas tliet snin.

5. L-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur għandhom iżommu d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 ippreżentati lilhom għal mill-inqas tliet snin.

6. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur li jagħtu prova li l-ħdim jew l-ipproċessar li saru fil-Parti Kontraenti applikanti b'materjali użati, magħmula f'dik il-Parti Kontraenti applikanti, għandhom jiġu trattati bħala dokument li jissemma fl-Artikoli 18(3), 20(4) u 29(6) użati bl-għan li jagħtu prova li dawk il-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'dik il-Parti Kontraenti applikanti u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

Artikolu 32

Soluzzjoni ta' tilwim

Meta jinqala xi tilwim relatat mal-proċeduri ta' verifika skont l-Artikoli 34 u 35, jew b'rabta mal-interpretazzjoni ta' dan l-Appendiċi, li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli biex jagħmlu din il-verifika, dan għandu jitressaq quddiem il-Kumitat Konġunt.

Fil-każijiet kollha, is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur għandha ssir f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

TITOLU VII

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 33

Notifika u kooperazzjoni

1. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jipprovdu kampjuni ta' impressjonijiet tat-timbri lil xulxin li jintużaw fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, flimkien mal-mudelli tan-numri tal-awtorizzazzjoni mogħtija lill-esportaturi approvati u l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli biex jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

2. Biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-Regoli, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, biex jivverifikaw l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini, id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawk id-dokumenti.

Artikolu 34

Verifika tal-provi tal-oriġini

1. Il-verifiki sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom isiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

2. Meta jagħmlu talba għal verifika sussegwenti, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur għandhom jibagħtu lura ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-oriġini, jew kopja ta' dawk id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet għall-verifika. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġburin li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fuq il-provi tal-oriġini mhix korretta għandhom jingħaddew bħala sostenn tat-talba għall-verifika.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatur. Għal dak l-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew xi verifika oħra li jqisu xierqa.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatur jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati sakemm jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importatur soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.

5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawk ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'xi waħda mill-Partijiet u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dawn ir-Regoli.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma tingħata l-ebda tweġiba fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba għandhom, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi.

Artikolu 35

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal terminu twil jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali ta' Parti fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew il-korrettezza tat-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Parti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil u l-fatturi, in-noti tal-konsenja jew xi dokumenti kummerċjali oħra dwar l-oġġetti koperti minn tali dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti applikanti fejn tkun saret din id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil hija skorretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtorità doganali tal-Parti Kontraenti applikanti fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil. Għal dak l-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe verifika oħra meqjusa xierqa.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawk ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil hix korretta u jagħmluha possibbli biex dawn ikunu jistgħu jiddeterminaw jekk u kemm din id-dikjarazzjoni tista' titqies għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 36

Penali

Kull Parti għandha tipprevedi l-impożizzjoni ta' penali kriminali, ċivili jew amministrattivi għall-ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha relatata ma' dawn ir-Regoli.

TITOLU VIII

APPLIKAZZJONI TAL-APPENDIĊI A

Artikolu 37

Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-oġġetti li joriġinaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) skont it-tifsira tal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja ("il-Partijiet taż-ŻEE") meta jiġu esportati rispettivament mill-Unjoni Ewropea, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein jew min-Norveġja lill-Gżejjer Faeroe, diment li jkunu applikabbli ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jużaw dawn ir-Regoli bejn ir-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe u l-Partijiet taż-ŻEE.

Artikolu 38

Il-Liechtenstein

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fil-Liechtenstein għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, jitqies li joriġina mill-Iżvizzera.

Artikolu 39

Ir-Repubblika ta' San Marino

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fir-Repubblika ta' San Marino għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, jitqies li joriġina fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 40

Il-Prinċipat ta' Andorra

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fil-Prinċipat ta' Andorra li jkun ikklassifikat taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra, jitqies li joriġina fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 41

Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli, it-terminu "Unjoni Ewropea" ma għandux ikopri lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw fil-Gżejjer Faeroe, meta jiġu importati fi Ceuta jew Melilla, għandhom jibbenefikaw mill-istess sistema doganali bħal dik li tiġi applikata għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u l-aġġustamenti għat-Trattati ([3]). Għall-importazzjonijiet ta' prodotti koperti mill-Ftehim rilevanti u li joriġinaw fi Ceuta u Melilla, il-Gżejjer Faeroe għandhom jagħtu l-istess sistema doganali bħal dik li tingħata lill-prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw minnha.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw fi Ceuta u Melilla, dawn ir-Regoli għandhom japplikaw mutatis mutandis soġġetti għall-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Anness V.

([3]) ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23.

ANNESS I

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II

Nota 1 – Introduzzjoni ġenerali

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-prodotti kollha jitqiesu maħduma jew ipproċessati suffiċjentement skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tat-Titolu II ta' dan l-Appendiċi . Hemm erba' tipi differenti ta' regoli, li jvarjaw skont il-prodott:

(a) permezz tal-ħdim jew tal-ipproċessar, ma jinqabiżx il-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinarji;

(b) permezz tal-ħdim jew tal-ipproċessar, l-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata tal-prodotti manifatturati ssir differenti mill-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew mis-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata rispettivament tal-materjali użati;

(c) titwettaq operazzjoni speċifika tal-ħdim jew tal-ipproċessar;

(d) il-ħdim jew l-ipproċessar isiru fuq ċerti materjali miksuba għalkollox.

Nota 2 – L-istruttura tal-lista

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. Fil-kolonna (1) hemm in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użati fis-Sistema Armonizzata u fil-kolonna (2) hemm id-deskrizzjoni tal-oġġetti użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew għal dak il-Kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonna (3). Jekk xi drabi, l-entrata fil-kolonna (1) tkun preċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna (3) japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna (2).

2.2. Jekk diversi numri ta' intestaturi jingħabru flimkien fil-kolonna (1) jew jekk jingħata numru ta' Kapitolu u allura d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna (2) tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli korrispondenti fil-kolonna (3) jkunu japplikaw għall-prodotti kollha li fis-Sistema Armonizzata jiġu kklassifikati taħt l-intestaturi tal-Kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna (1).

2.3. Jekk fil-lista jkun hemm regoli differenti li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli korrispondenti fil-kolonna (3).

2.4. Jekk fil-kolonna (3) hemm stipulati żewġ regoli alternattivi, separati bil-kelma "jew", l-esportatur jista' jagħżel liema waħda juża.

Nota 3 – Eżempji ta' kif jiġu applikati r-regoli

3.1. Għandu japplika l-Artikolu 4 tat-Titolu II ta' dan l-Appendiċi, dwar prodotti li jkunu kisbu status oriġinarju u li jkunu użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, irrispettivament minn jekk dak l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawk il-prodotti jew f'xi fabbrika oħra f'Parti.

3.2. Skont l-Artikolu 6 tat-Titolu II ta' dan l-Appendiċi, il-ħdim jew l-ipproċessar imwettqin għandhom imorru lil hinn mil-lista ta' operazzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu. Jekk le, l-oġġetti ma għandhomx jikkwalifikaw għall-għoti tal-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali, anki jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista ta' hawn taħt.

Soġġetti għall-Artikolu 6 tat-Titolu II ta' dan l-Appendiċi, ir-regoli fil-lista jirrappreżentaw l-ammont minimu ta' ħdim jew ipproċessar meħtieġa, u t-twettiq ta' aktar ħdim jew ipproċessar jagħti wkoll status oriġinarju; min-naħa l-oħra, it-twettiq ta' inqas ħdim jew ipproċessar ma jistax jagħti status oriġinarju.

Għalhekk, jekk regola tkun tipprevedi li jista' jintuża materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri tal-manifattura hu permess u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard mhuwiex.

Jekk regola tkun tistipula li ma jistax jintuża materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura hu permess u l-użu tal-materjali fi stadju aktar tard mhuwiex.

Eżempju: meta r-regola tal-lista għall-Kapitolu 19 teżiġi li "l-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 1101 sa 1108 ma jistgħux jaqbżu l-20 % tal-piż", l-użu (jiġifieri l-importazzjoni) taċ-ċereali tal-Kapitolu 10 (materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura) mhuwiex limitat.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tkun tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", jistgħu jintużaw il-materjali ta' kwalunkwe intestatura (anke materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), iżda soġġetti għal limitazzjonijiet speċifiċi li jaf tipprevedi r-regola.

Iżda l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura..." jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-istess intestatura bħall-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk bl-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif tidher fil-kolonna (2) tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tkun tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Din ma tkunx qed teżiġi li għandhom jintużaw il-materjali kollha.

3.5. Meta regola fil-lista tkun tispeċifika li prodott għandu jiġi manifatturat minn materjal partikolari, il-kundizzjoni ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba l-għamla inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni.

3.6. Meta regola fil-lista tkun tagħti żewġ persentaġġi għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, dawn il-persentaġġi ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jista' qatt jaqbeż l-akbar persentaġġ mogħti. Barra minn hekk, il-persentaġġi individwali ma għandhomx jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4 – Dispożizzjonijiet ġenerali rigward ċerti prodotti agrikoli

4.1. Il-prodotti agrikoli li jaqgħu taħt il-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 2401 li jitkabbru jew jinħasdu fit-territorju ta' Parti għandhom jiġu trattati li oriġinaw fit-territorju ta' dik il-Parti, anki jekk dawn jitkabbru minn żerriegħa, basal, salvaġġ, biċċiet, tilqim, rimjiet, għajn, jew partijiet oħra ħajjin ta' pjanti importati.

4.2. Meta l-kontenut taz-zokkor mhux oriġinarju fi prodott partikolari jkun soġġett għal limitazzjonijiet, il-piż taz-zokkor tal-intestaturi 1701 (sukrożju) u 1702 (eż. fruttożju, glukożju, lattożju, maltożju, iżoglukożju jew zokkor invertit) użat fil-manifattura tal-prodott finali u użat fil-manifattura ta' prodotti mhux oriġinarju inkorporat fil-prodott finali għandu jitqies għall-kalkolu ta' dawn il-limitazzjonijiet.

Nota 5 – Terminoloġija użata fir-rigward ta' ċerti prodotti tessili

5.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista biex jirreferi għall-fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Dan hu limitat għall-istadji ta' qabel l-għażil tal-fibri, inkluż l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inkluż il-fibri li jiġu mqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux bl-għażil.

5.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi l-krin tal-intestatura 0511, il-ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003, kif ukoll il-fibri tas-suf u s-suf tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, il-fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3. It-termini "polpa tessili", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issir il-karta" jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 u li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri jew raden artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

5.4. It-terminu "fibri staple magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirreferi għall-istoppa ta' filamenti sintetiku jew artifiċjali, il-fibri staple jew l-iskart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

5.5. L-istampar (meta jiġi kkombinat mal-insiġ, max-xogħol bil-labar/bil-ganċ, mat-trapuntar jew mal-mili) hu definit bħala teknika li permezz tagħha sottostrat tessili b'karattru permanenti jingħata funzjoni vvalutata b'mod oġġettiv, bħal kulur, disinn, prestazzjoni teknika, permezz ta' skrin, romblu jew b'tekniki diġitali jew ta' trasferiment.

5.6. L-istampar (bħala operazzjoni awtonoma) hu definit bħala teknika li permezz tagħha sottostrat tessili b'karattru permanenti jingħata funzjoni vvalutata b'mod oġġettiv, bħal kulur, disinn, prestazzjoni teknika, permezz ta' skrin, romblu jew b'tekniki diġitali jew ta' trasferiment, ikkombinata ma' mill-inqas żewġ operazzjonijiet ta' tħejjija/irfinar (bħal għorik, ibbliċjar, merċeriżar, issettjar bis-sħana, raising, ippressar bir-rombli, ipproċessar biex ma jinxtorbux, tlestija permanenti, trattament bil-fwar (decatising), imprenjazzjoni, tiswija u tneħħija taż-żliemem), diment li l-valur tal-materjali kollha użati ma jkunx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

Nota 6 – Tolleranzi applikabbli għal prodotti magħmula minn taħlita ta' materjali tessili

6.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ma għandhomx jiġu applikati għall-materjali tessili bażiċi użati fil-manifattura ta' dak il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 15 % jew inqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati (ara wkoll in-Noti 6.3 u 6.4).

6.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 6.1 tista' tiġi applikata biss għall-prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

— ħarir;

— suf;

— xagħar aħrax tal-annimali;

— xagħar fin tal-annimali;

— krin;

— qoton;

— materjali li minnhom isiru l-karti, u karta;

— kittien;

— qanneb veru;

— ġuta u fibri oħra tal-qanneb tessili;

— sisal u fibri tessili oħra tal-ġeneru Agave;

— ġewż tal-Indi, manilla, rami u fibri tessili veġetali oħra;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poliammid magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poliimmid magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poli(sulfur tal-fenilen) magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi tal-poli(klorur tal-vinil) magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament artifiċjali tal-viscose magħmula mill-bniedem;

— fibri tal-filament artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;

— filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent;

— fibri staple sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poliammid magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poliimmid magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poli(sulfur tal-fenilen) magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi tal-poli(klorur tal-vinil) magħmula mill-bniedem;

— fibri staple sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem;

— fibri staple artifiċjali tal-viscose magħmula mill-bniedem;

— fibri staple artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;

— raden magħmul mill-poliuretan maqsum f'segmenti flessibbli tal-polietere, kemm jekk iggimmjat u kemm jekk le;

— prodotti tal-intestatura 5605 (raden metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma taqbiżx il-5 mm, infilzata b'kolla trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik;

— prodotti oħra tal-intestatura 5605;

— fibri tal-ħġieġ;

— fibri metalliċi;

— fibri minerali.

6.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "raden magħmul mill-poliuretan maqsum f'segmenti flessibbli tal-polietere, kemm jekk iggimmjat u kemm jekk le", din it-tolleranza hi 20 % fir-rigward ta' dan ir-raden.

6.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, ta' wisa' li ma taqbiżx il-5 mm, infilzata b'kolla trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik", din it-tolleranza hi 30 % fir-rigward ta' din l-istrixxa.

Nota 7 – Tolleranzi oħrajn applikabbli għal ċerti prodotti tessili

7.1. Meta fil-lista ssir referenza għal din in-Nota, jistgħu jintużaw materjali tessili (għajr għall-inforra u l-kisi minn ġewwa) li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna (3) għall-prodott maħdum ikkonċernat, diment li jkunu kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

7.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 7.3, il-materjali li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-manifattura tal-prodotti tessili, kemm jekk ikun fihom it-tessut u kemm jekk le.

7.3. Jekk tkun tapplika regola tal-persentaġġi, għall-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jkunu inkorporati jrid jitqies il-valur tal-materjali mhux oriġinarji li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63.

Nota 8 – Definizzjoni tal-proċessi speċifiċi u tal-operazzjonijiet sempliċi mwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-Kapitolu 27

8.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, "il-proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni bir-reqqa;

(c) krekkjar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni b'solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekolorizzazzjoni jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, karbonju attivat jew boksajt;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

8.2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, "il-proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni bir-reqqa;

(c) krekkjar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni b'solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekolorizzazzjoni jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, karbonju attivat jew boksajt;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni;

(j) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li twassal għal tnaqqis ta' mill-inqas 85 % fil-kontenut tal-kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(k) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, deparaffinar bi proċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;

(l) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, trattament bl-idroġenu bi pressa akbar minn 20 bar u b'temperatura ogħla minn 250 °C, bl-użu ta' katalist, għajr biex issir id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jkun jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. Iżda t-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (eż. l-irfinar bl-idroġenu jew id-dekolorizzazzjoni) speċjalment biex jitjiebu l-kulur jew l-istabbiltà, ma għandux jitqies bħala proċess speċifiku;

(m) fir-rigward ta' żjut kombustibbli tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, diment li inqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, fi 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;

(n) fir-rigward ta' żjut tqal għajr iż-żjut tal-gass u ż-żjut kombustibbli tal-intestatura ex 2710 biss, trattament bi brush-discharge elettrika ta' frekwenza għolja;

(o) fir-rigward ta' prodotti mhux raffinati (għajr il-jelly tal-petroleum, l-ożoċerit, xama' tal-linjite jew xama' tal-peat, ix-xama' bajda li fiha inqas minn 0,75 % żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, tneħħija taż-żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.

8.3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, dikantazzjoni, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, iffiltrar, kolorizzazzjoni, immarkar, kisba ta' kontenut ta' kubrit permezz ta' taħlit ta' prodotti ma' kontenuti differenti tal-kubrit, jew xi kombinament ta' dawk l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

Nota 9 – Definizzjoni tal-proċessi u tal-operazzjonijiet speċifiċi imwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti

9.1. Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 30 miksuba f'Parti bl-użu ta' kulturi taċ-ċelloli għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Kultura taċ-ċelloli" tfisser il-kultivazzjoni ta' ċelloli umani, tal-annimali u tal-pjanti f'kundizzjonijiet ikkontrollati (bħal temperaturi, medium tat-tkabbir, taħlita ta' gassijiet, pH definiti) 'il barra minn organiżmu ħaj.

9.2. Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 29 (għajr għal: 2905,43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302,10, 3301) 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502,11-3502.19, 3502,20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809,10, 38.23, 3824,60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26) miksuba f'Parti bil-fermentazzjoni għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Fermentazzjoni" hi proċess bijoteknoloġiku li fih jintużaw ċelloli umani, tal-annimali jew tal-pjanti, batterji, ħmira, fungi jew enzimi biex jipproduċu prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 29 sa 39.

9.3. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar li ġejjin jitqiesu suffiċjenti f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 28, 29 (għajr għal: 2905,43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302,10, 3301) 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502,11-3502.19, 3502,20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809,10, 38.23, 3824,60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26):

— Reazzjoni kimika: "Reazzjoni kimika" hi proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bl-alterazzjoni tal-arranġament spazjali tal-atomi ġo molekula. Reazzjoni kimika tista' tiġi espressa permezz ta' bidla fin-"numru CAS".

  Jenħtieġ li l-proċessi li ġejjin ma jitqisux għal skopijiet tal-oriġini: (a) it-taħlil fl-ilma jew f'solventi oħra; (b) it-tneħħija ta' solventi inkluż l-ilma solventi; jew (c) iż-żieda jew it-tneħħija tal-ilma tal-kristallizzazzjoni. Reazzjoni kimika kif definita hawn fuq għandha titqies li tagħti l-oriġini.

— Taħlitiet u Amalgami: It-taħlit u l-amalgamar intenzjonati u kkontrollati b'mod proporzjonat (inkluż id-dispersjoni) tal-materjali, għajr iż-żieda ta' dilwenti, għall-konformità ma' speċifikazzjonijiet predeterminati, li jwassal għall-produzzjoni ta' oġġett b'karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi li huma rilevanti għall-finijiet jew għall-użi tal-oġġett u li huma differenti mill-materjali tal-input għandu jitqies li jagħti l-oriġini.

— Purifikazzjoni: Il-purifikazzjoni għandha titqies li tagħti l-oriġini diment li l-purifikazzjoni ssir fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet jew fit-tnejn u twassal biex tiġi ssodisfata xi waħda minn dawn il-kriterji:

  (a) il-purifikazzjoni ta' oġġett li twassal għat-tneħħija ta' mill-inqas 80 % tal-kontenut tal-impuritajiet eżistenti; jew

  (b) it-tnaqqis jew it-tneħħija ta' impuritajiet li jwasslu għal oġġett adattat għal waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

    (i) sustanzi farmaċewtiċi, mediċinali, kożmetiċi, veterinarji jew tal-gradi alimentari;

    (ii) prodotti kimiċi u reaġenti għal użi analitiċi, dijanjostiċi jew tal-laboratorju;

    (iii) elementi jew komponenti għal użu fil-mikroelettronika;

    (iv) użi ottiċi speċjali;

    (v) użu bijotekniku (eż., fil-kultura taċ-ċelloli, fit-teknoloġija ġenetika, jew bħala katalist);

    (vi) trasportaturi użati fi proċessi ta' separazzjoni; jew

    (vii) użi ta' grad nukleari.

— Bidla fid-daqs tal-partikoli: Il-modifika intenzjonata u kontrollata fid-daqs tal-partikoli ta' oġġett, għajr is-sempliċiment tifrik jew ippressar, li twassal biex l-oġġett ikollu daqs definit tal-partikoli, distribuzzjoni definittiva tad-daqs tal-partikoli jew erja tas-superfiċje definita, li jkunu rilevanti għall-iskopijiet tal-oġġett riżultanti u li jkollhom karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi differenti mill-materjali tal-input, għandha titqies li tagħti l-oriġini.

— Materjali standard: Il-materjali standard (inkluż is-soluzzjonijiet standard) huma preparazzjonijiet adattati għal użi analitiċi, ta' kalibrazzjoni jew referenzjarji li jkollhom gradi preċiżi ta' purità jew proporzjonijiet li jiġu ċċertifikati mill-manifattur. Il-produzzjoni tal-materjali standard għandha titqies li tagħti l-oriġini.

— Separazzjoni tal-isomeri: L-iżolament jew is-separazzjoni tal-isomeri minn taħlita ta' isomeri għandhom jitqiesu li jagħtu l-oriġini.

ANNESS II

LISTA TAL-ĦDIM JEW TAL-IPPROĊESSAR LI JEĦTIEĠ ISIRU FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JIKSEB STATUS ORIĠINARJU

Intestatura	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status oriġinarju
(1)	(2)	(3)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom jinkisbu għalkollox
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel	Manifattura fejn kull laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel fil-prodotti ta' dan il-Kapitolu jkun inkiseb għalkollox
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 0511 91	Bajd tal-ħut li ma jistax jittiekel	Il-bajd kollu jkun inkiseb għalkollox
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u faxxina ornamentali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 7	Ħaxix u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn il-frott, il-ġewż, il-qxur tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ kollha tal-Kapitolu 8 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 8, 10 u 11, l-intestaturi 0701, 0714, 2302 u 2303, u s-subintestatura 0710 10 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi ħabb, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott

ex Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi, u meraq u estratti veġetali oħrajn; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 1302	Sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 14	Materjal tad-dfir veġetali; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex Kapitolu 15	xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat tal-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
1504 sa 1506	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut jew tal-mammiferi tal-baħar; grass tas-suf u s-sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluż il-lanolina); xaħmijiet u żjut tal-annimali oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott
1509 u 1510	Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu	Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu nkisbu għalkollox
1511	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott
ex 1512	Żjut taż-żerriegħa tal-ġirasol u frazzjonijiet tagħhom:	
	— għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
	— oħrajn	Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu nkisbu għalkollox
1515	Xaħmijiet u żjut veġetali fissi oħrajn (inkluż iż-żejt tal-jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott
ex 1516	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
1520	Gliċerol, grezz; ilmijiet u lissiji tal-gliċerol	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura

Kapitolu 16	Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex Kapitolu 17	Zokkrijiet u ħlewwiet taz-zokkor; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
1702	Zokkrijiet oħra, inkluż lattożju, maltożju, glukożju u fruttożju kimikament puri, fil-forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar jew sustanza koloranti; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamella:	
	— Maltożju u fruttożju kimikament puri	Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1702
	— Oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-intestaturi minn 1101 sa 1108, 1701 u 1703 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-prodott finali
1704	Ħlewwiet taz-zokkor (inkluż iċ-ċikkulata bajda), li ma fihomx kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: — il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali jew — il-valur taz-zokkor użat ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 18	Kawkaw u preparati tal-kawkaw; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex 1806	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: — il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali jew — il-valur taz-zokkor użat ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
1806 10	Trab tal-kawkaw, li fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali

1901	Estratt tal-malt; preparati tal-ikel tad-dqiq, tal-ħabb imfesdaq, tal-grixa, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; preparati tal-ikel tal-oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % ta' kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra: — Estratt tal-malt — Oħrajn	Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10 Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) u kemm jekk le jew ippreparat mod ieħor, bħal pereżempju spagetti, imqarrun, noodles, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: — il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
1903	Tapjoka u s-sostituti tagħha ppreparati mill-lamtu, f'forma ta' fjokki, ħabb, perli, tnaqqijiet jew forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr lamtu tal-patata tal-intestatura 1108
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew tal-prodotti taċ-ċereali (eż. corn flakes); ċereali (għajr qamħirrum (qamħ)) fil-forma ta' ħabb jew fil-forma ta' fjokki jew ħabb ieħor maħdum (ħlief dqiq, ħabb imfesdaq u grixa), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: — il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta li huma adattati għall-użu farmaċewtiku, wafers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħaxix, frott, ġewż jew partijiet oħrajn tal-pjanti; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
2002 u 2003	Tadam, faqqiegħ u tartuf ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox

2006	Ħaxix, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (imqattra, glacé jew kristallizzati)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
2007	Ġammijiet, jellies tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pastes tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex 2008	Prodotti għajr: — Ġewż mingħajr zokkor jew spirti miżjuda — Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palm; qamħirrum (qamħ) — Frott u ġewż imsajra mod ieħor minbarra fuq il-fwar jew mgħollijin fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
2009	Meraq tal-frott (inkluż il-most tal-għeneb) u meraq tal-ħaxix, mhux iffermentat u li ma fihx spirtu miżjud, kemm jekk fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 21	Preparati diversi tajbin għall-ikel; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
2103	— Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħalltin u taħwir tal-ikel imħallat — Dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
2105	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk ikunx fihom il-kawkaw u kemm jekk le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: — il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali u — il-piż totali kkombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali
2106	Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali

ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u ħall; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-materjali kollha tas-subintestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 użati jkunu nkisbu għalkollox
2202	Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet aerati, biz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin, u xarbiet oħrajn mhux alkoħoliċi, eskluż il-meraq tal-frott jew tal-ħaxix tal-intestatura 2009	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
2207 u 2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' aktar jew inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xarbiet oħra spiritużi	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr l-intestaturi 2207 jew 2208, fejn il-materjali kollha tas-subintestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex Kapitolu 23	Residwi u skart mill-industrija tal-ikel; forraġġ tal-annimali ppreparat; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
2309	Preparati li jintużaw fl-għalf tal-annimali	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jkunu nkisbu għalkollox, — il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 10 u 11 u tal-intestaturi 2302 u 2303 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, — il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kkombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-50 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 24	Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż tal-materjali tal-intestatura 2401 ma jaqbiżx it-30 % tal-piż totali tal-materjali tal-Kapitolu 24 użati
2401	Tabakk mhux manifatturat; skart tat-tabakk	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex 2402	Sigaretti tat-tabakk jew tas-sostituti tat-tabakk	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew tat-tabakk tat-tipjip tas-subintestatura 2403 19, fejn mill-inqas 10 % bil-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex 2403	Prodotti maħsuba għall-inalazzjoni permezz ta' twassil imsaħħan jew xi mezzi oħra, mingħajr kombustjoni	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn mill-inqas 10 % bil-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox

ex Kapitolu 25	Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-70 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2519	Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (manjeżit), u mqiegħed f'reċipjenti ermetiċi u ossidu tal-manjeżju, kemm jekk pur u kemm jekk le, għajr il-manjeżja fuża jew il-maneżja maħruqa għalkollox (sinterizzata)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jista' jintuża l-karbonat tal-manjeżju naturali (manjeżit)
Kapitolu 26	Minerali mhux maħduma, gagazza u rmied	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
ex Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2707	Żjut fejn il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, li huma żjut simili għal żjut minerali miksubin mid-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam f'temperatura għolja, li aktar minn 65 % skont il-volum jiddistilla f'temperatura li tasal sa 250 °C (inkluż it-taħlitiet tal-ispirtu tal-petroleum u l-benżol), għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([1]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2710	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi, għajr grezzi; preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom skont il-piż 70 % jew aktar żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; iż-żjut ta' skart	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ([1]) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

2711	Gassijiet tal-petroleum u idrokarburi gassużi oħrajn	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (1) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2712	Jelly tal-petroleum; xama' bajda, xama' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (1) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
2713	Kokk tal-petroleum, bitum tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjut tal-petroleum jew taż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi	Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (1) jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha użati jiġu klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 28	Sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli tal-art rari, ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

ex Kapitolu 29	Sustanzi kimiċi organiċi; għajr:	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2901	Idrokarburi aċikliċi għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (1) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2902	Ċiklani u ċikleni (għajrażuleni), benżen, toluwen, ksileni għall-użu bħala fjuwils għall-enerġija jew għas-sħana	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar (1) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2905	Alkoħolati metalliċi tal-alkoħols ta' din l-intestatura u tal-etanol	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 2905. Iżda jistgħu jintużaw alkoħolati metalliċi ta' din l-intestatura, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

Kapitolu 30	Prodotti farmaċewtiċi	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 31	Fertilizzanti	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 32	Estratti għall-ikkonzar jew għaż-żbigħ; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materja koloranti oħra; żebgħa u verniċi; stokk u mastiċi oħrajn; linek	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 33	Żjut essenzjali u reżinojdi; preparati tal-fwejjaħ, kożmetiċi, jew tat-twaletta	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 34	Sapun, aġenti tensjoattivi organiċi, preparati għall-ħasil, preparati għal-lubrikazzjoni, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparati għall-illostrar jew għall-għorik, xemgħat u oġġetti simili, pastes għall-immudellar, "xemgħat dentali" u preparati dentali b'bażi ta' ġibs	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

		jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 35	Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enzimi	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi ([4]) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 36	Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; ligi piroforiċi; ċerti preparati kombustibbli	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi ([4]) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 37	Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi ([4]) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

ex Kapitolu 38	Diversi prodotti kimiċi; għajr:	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 3811	Preparati antidetonanti, inibituri tal-ossidazzjoni, inibituri tal-gomma, tejjieba tal-viskożità, preparati kontra l-korrużjoni u addittivi ppreparati oħrajn, għaż-żjut minerali (inkluż gażolina) jew għal likwidi oħrajn użati għall-istess finijiet bħaż-żjut minerali: — Addittivi ppreparati għal żejt lubrikanti, li fihom żjut tal-petroleum jew żjut miksubin minn minerali bituminużi	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 3811 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 3824 99 u ex 3826 00	Bijodiżil	Manifattura fejn il-bijodiżil jinkiseb bi transesterifikazzjoni u/jew esterifikazzjoni jew b'idrotrattament
Kapitolu 39	Plastik u oġġetti magħmula minnu	Proċess(i) speċifiku/speċifiċi (4) jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw materjali tal-istess subintestatura tal-prodott, diment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 40	Lastiku u oġġetti magħmula minnu; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

ex 4012	Tajers pnewmatiċi riġenerati, tajers solidi jew kuxin, tal-lastiku	Riġenerazzjoni ta' tajers użati
ex Kapitolu 41	Ġlud grezzi (għajr il-ġlud tal-pelliċċerija) u ġilda; għajr għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
4104 sa 4106	Ġlud ikkonzati jew in crust, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex, iżda mhux ippreparati mod ieħor	Ikkonzar mill-ġdid tal-ġlud ikkonzati jew Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
Kapitolu 42	Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarġ u tax-xedd; oġġetti għas-safar, handbags u kontenituri simili; oġġetti mill-musrana tal-annimali (għajr mill-musrana tad-dudu tal-ħarir)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex Kapitolu 43	Ġlud tal-pelliċċerija u fer artifiċjali; prodotti magħmulin minnhom; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
ex 4302	Ġlud tal-pelliċċerija kkunzati jew imnaddfin, assemblati:	
	— Pjanċi, slaleb u forom simili	Ibbliċjar jew żbigħ, flimkien mal-qtugħ u l-assemblaġġ ta' ġlud tal-pelliċċerija ikkunzati jew imnaddfin mhux assemblati
	— Oħrajn	Manifattura minn ġlud tal-pelliċċerija kkunzati jew imnaddfin u mhux assemblati
4303	Oġġetti ta' ħwejjeġ, aċċessorji tal-ilbies u oġġetti oħrajn magħmulin mill-ġlud tal-pelliċċerija	Manifattura minn ġlud tal-pelliċċerija ikkunzati jew imnaddfin mhux assemblati tal-intestatura 4302
